Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,409, 21 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 202 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Ħwienet u Ħwienet ta' Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Ħwienet u Ħwienet ta' Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali (Emenda Nru 2) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Għeluq ta' Ħwienet u Ħwienet ta' Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 27.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' Mejju, 2020.

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

> "(1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna l-għeluq tal-ħwienet li ġejjin li jipprovdu servizzi mhux essenzjali: *spas* u dawk li jagħmlu t-tpinġija fuq in-nies."; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

> "(2) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna li ħwienet li jbigħu sigaretti elettroniċi għandhom jiftħu biss u esklussivament għal bejgħ ta' prodotti permissibbli skont l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk u għal ebda servizz ieħor, u klijenti ma għandhomx jibqgħu ġewwa l-ħwienet li jbigħu sigaretti elettroniċi wara li jkunu għamlu użu minn dawn il-prodotti.". Kap. 315.